MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 450/2005

**Vodafone Malta Limited C-10865**

**Vs**

**Security Investment Sicav Limited u b'digriet tat-Tribunal tal-14 ta' Lulju, 2005 il-kelma "Sicav" ghandha tigi sostitwita bil-kelma "Holding"**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u wiehed u tmenin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm181.62c) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici

lis-socjeta' konvenuta in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9943 6612.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' mija u wiehed u tmenin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm181.62c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------